MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1612/2004

**APS Bank Limited**

**vs**

**Theresa Maria Abblet u Philip Gauci Ablett**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub li il-konvenuti ghandhom jigu kkundannati "in solidum bejniethom" ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm641.18) u dan wara li gie premess li l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur tas-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm641.18) dovuta kwantu ghas-somma ta' sitt mija u dsatax il-lira Maltin u centezmu (Lm619.01) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 12428930013 u kwantu ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin

lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm22.17) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000178543 u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-iumghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2004 sad-data tal-hlas effettiv u bis-subizzjoni tal-konvenuti.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu "in solidum" bejtniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmintax il-centezmu (Lm641.18) bl-imghax ulterjuri b'effett mit-30 ta' Gunju 2004

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------